

31989R2319

29.7.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 220/51

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2319/89

tat-28 ta' Lulju 1989

fuq ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-lanġas Williams u Rocha fil-ġulepp u s-sugu naturali tal-frott eliġibbli għall-iskema ta' għajjnuna għall-produzzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 426/86 tal-24 ta' Frar 1986 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-sugħ fi prodotti pproċessati mill-ħaxix u l-frott⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1125/89⁽²⁾, u b'mod partikolari Artikolu 6(4) tiegħu,

Dan ir-Regolament jistoipula l-ħtiġiet minimi ta' kwalità li l-lanġas Williams u Rocha fil-ġulepp u l-lanġas tal-varjetà msemija ppriservati fis-sugu naturali tal-frott, minn hawn l-hemm imsemija bħala l-lanġas fil-ġulepp u jew is-sugu naturali tal-frott', kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1599/84, għandhom jikkonformaw magħhom sabiex jikkwalifikaw għall-għajjnuna produttiva li jipprovdi għaliha Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 426/86.

Billi Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 426/86 jistabbilixxi skema ta' għajjnuna għall-produzzjoni għal xi prodotti elenkati f'Anness I, Parti A, ta' hemm; billi Artikolu 6(1)(b) jispeċifika li dik l-għajjnuna għandha tingħata biss għall-prodotti li jikkonformaw mal-ħtiġiet minimi ta' kwalità li għandhom jiġu stipulati;

Artikolu 2

Billi l-iskop ta' ħtiġiet minimi ta' kwalità bħal dawn hi li jevitaw il-produzzjoni ta' prodotti li m'hemmx domanda għalihom jew prodotti li kienu joħolqu distorzjoni fis-sugħ; filwaqt li l-ħtiġiet għandhom jiġu bażati fuq proċeduri ta' manifattura tradizzjonali u ġusti;

Għall-fabbrikazzjoni tal-lanġas fil-ġulepp u/jew fis-sugu tal-frott naturali biss dak il-lanġas ta' l-ispeċi *Pyrus communis* L., varjetà Williams u Rocha, għandu jintuża'. Il-prodott mhux proċessat għandu jkun frisk, sħiħ, nadif u tajjeb għall-ipproċessar.

Il-prodott mhux proċessat jista' jkun ġie mkessaħ qabel ma jiġi użat għall-fabbrikazzjoni tal-lanġas fil-ġulepp u/jew fis-sugu naturali tal-frott.

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1289/85⁽³⁾ jstipula l-livelli minimi ta' kwalità għall-lanġas Williams fil-ġulepp; filwaqt li d-dispożizzjonijiet stipulati hemmhekk għandhom jiġu adattati sabiex jieħdu kont ta' l-estensjoni ta' l-iskema ta' għajjnuna għall-lanġas tal-varjetà Rocha u tal-lanġas Williams u Rocha priservati fis-sugu naturali tal-frott kif jipprovdi għalihom ir-Regolament tal-Kunsill hawn fuq imsemmi (KEE) Nru 1125/89; filwaqt li, għal skopijiet ta' kjarizza, l-ħtiġiet minimi ta' kwalità hekk adattati għandhom jiġu miktuba f'test ġdid;

Artikolu 3

Filwaqt li l-ħtiġiet ta' kwalità mqiegħda f'dan ir-Regolament iwaqqfu regolamenti oħra ta' applikazzjoni minbarra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1599/84 tal-5 ta' Ġunju 1984 li jgħaddi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' għajjnuna għall-produzzjoni għal prodotti pproċessati mill-ħaxix u l-frott⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2260/89⁽⁵⁾;

1. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fis-sugu naturali tal-frott għandu jiġi fabbrikat f'wieħed mill-istili definiti fil-paragrafu 2.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament l-istili huma definiti kif segwit:

- (a) "frotta sħiħa" tfisser il-frotta sħiħa, bil-qalba u biz-zokk jew mingħajru;
- (b) "nofsijiet" ifisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'żewġ partijiet bejn wieħed u ieħor indaqs;
- (ċ) "kwartijiet" ifisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'erba' partijiet bejn wieħed u ieħor indaqs;
- (d) "flieli" jfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa fiktur minn erba' partijiet forma ta' felli;
- (e) "dadi" jfisser il-frotta mingħajr il-qalba maqtugħa f'partijiet forma ta' kubi.

3. Kull kontenitur bil-lanġas fil-ġulepp u/jew il-lanġas fis-sugu tal-frott naturali għandu jżomm fih biss stil wieħed u l-frott jew il-biċċiet hemmhekk għandhom ikunu prattikament ta' qies uniformi. L-ebda tip ieħor ta' frott ma jista' jinstab fil-kontenitur.

⁽¹⁾ ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 118, tad-29.4.1989, p. 29.

⁽³⁾ ĠU L 133, tat-22.5.1985, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 152, tat-8.6.1984, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU L 216, tas-27.7.1989, p. 46.

4. Il-kulur tal-lanġas fil-ġulepp għandu jkun karatteristiku għall-varjeta *Williams* u *Rocha*. Skulurazzjoni kemm kemm roża m'għandiex tiġi kkunsidrata bħala difett. Il-lanġas fil-ġulepp li jikkontjeni ingredjenti speċjali għandu jiġi kkunsidrat ta' kulur karatteristiku jekk ma jkun hemm ebda skulurazzjonali mhux normali għall-ingredjenti użati.

5. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew fis-sugu tal-frott naturali għandu jkun ħieles minn materjal barranija ta' oriġi mhux veġetali u minn togħmiet u r-rwejjaħ barranin.

Il-frott għandu jkun imlaħħam u jista' jvarja fit-torija imma la għandu jkun eċċessivament artab u l-anqas eċċessivament iebes.

6. Il-lanġas fil-ġulepp għandu jkun prattikament ħieles minn:

- (a) materjal barrani ta' oriġi veġetali;
- (b) qoxra;
- (ċ) entitajiet imtabba'.

Stil		
Shah, nofsijiet u kwartijiet	Ohrain	
Entitajiet imtabba'	15 % bin-numru	1,5 kilogrammi
Entitajiet mekkanikament imħassra	10 % bin-numru	Mhux applikabbli
Qoxra	100 cm ² spazju aggregat	100 cm ² spazju aggregat
Materjal barrani ta' nisel veġetali:		
- Materjal fil-qalba	10 entitajiet	10 entitajiet
- Żerriegħa tal-lanġas mitluqa	80 biċċa	80 biċċa
- Materjal ieħor, inkluż il-materjal tal-qalba mitluq	60 biċċa	60 biċċa

It-tolleranzi aċċettati, barra minn dawk iffissati permezz ta' riferenza għall-perċentwali skond in-numru, huma għal kull 10 kilogramm piż nett imsaffi.

Il-qlub m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala difett fi stili sħaħ bil-qalba.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2:

- (a) "entitajiet imtabba" ifisser frott bi skulurazzjoni fil-wiċċ jew tikek li jikkuntrastaw definittivament mall-kulur ġenerali u li jstgħu jippenetraw il-laħam, b'mod partikolari tbenġil, ġdim u skulurazzjoni skura;
- (b) "entitajiet mekkanikament imħassra" ifisser entitajiet li ġew maqsuma f'partijiet definittivi, u dawn l-istess biċċiet kollha kemm huma ekwivalenti għall-entità waħda sħiħa huma kkunsidrati bħala entità waħda jew entitajiet fejn il-qtuġh kien żejjed u jinkludi tħaffir serju fil-wiċċ ta' l-entitajiet li jnaqqas sostanzjalment mid-dehra;
- (ċ) "qoxra" tfisser kemm qoxra mwaħla mal-laħam tal-lanġas kemm qoxra misjuba mitluqa fil-kontenitur;

Frott sħiħ, nofsijiet u kwartijiet għandhom ukoll ikunu prattikament ħielsa minn entitajiet mekkanikament imħassra.

Artikolu 4

1. Il-frott, jew il-biċċiet tiegħu, għandhom jiġu kkunsidrati prattikament ta' qies uniformi meta, ġol-kontenitur, il-piż ta' l-akbar entità mhix aktar mill-piż daqs darbtejn ta' l-iċken entità.

Jekk hemm inqas minn 20 entità ġol-kontenitur, entità waħda tista' tiġi injorata. Fl-istabbilizzazzjoni ta' l-akbar u l-iċken entità, entitajiet imfarrka b'għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

2. Il-lanġas fil-ġulepp u/jew il-lanġas fis-sugu tal-frott naturali għandu jkun kompatibbli ma' Artikolu 3(6) meta t-tolleranzi li ġejjin mhumiex maqbuża:

- (d) "materjal barrani ta' oriġini veġetali" jfisser materjali veġetali li huma rrilevanti għall-frotta nfisha jew li kienu mwarrba waqt l-ipproċessar, b'mod partikolari, l-materjal tal-qalba, ż-żerriegħa tal-lanġas, zkuk u weraq u bċejjeċ bħal dawn. Il-qoxra għandha, madanakollu, tiġi eżkluża;
- (e) "il-materjal tal-qalba" jfisser iċ-ċellola taż-żerriegħa jew partijiet hemmhekk imwahrha mal-frotta, biż-żerriegħa jew mingħajrha. Il-biċċiet tal-qalba huma kkunsidrati ekwivalenti għall-entità waħda meta, wara li ġew aggregati, il-biċċiet jittotalizzaw bejn wieħed u ieħor nofs qalba;
- (f) "żerriegħa tal-lanġas mitluqa" ifisser żerriegħa mhux inkluża fil-materjal tal-qalba imma li hi mitluqa fil-kontenitur.

Artikolu 5

1. Il-lanġas u l-ġulepp u/jew is-sugu tal-frott naturali għandu jokkupa mill-inqas 90 % tal-kapaċità ta' l-ilma tal-kontenitur.

2. Il-piż nett imsaffi tal-frott għandu f'medja jkun għall-inqas ekwivalenti għall-perċentwali segwenti tal-kapaċità ta' l-ilma, espressa fi grammi, tal-kontenitur:

Stil	Kontenitur b'kapaċità nominali ta' l-ilma ta'	
	425 ml jew aktar	inqas minn 425 ml
Shah	50	46
Nofsijiet	54	46
Kwartijiet	56	46
Flieli	56	46
Dadi	56	50

3. Fejn il-lanġas fil-ġulepp u/jew il-lanġas fis-sugu tal-frott naturali huwa ppakkjat f'kontenituri tal-ħġieġ, il-kapaċità ta' l-ilma għandha tiġi mnaqqsa b'20 ml qabel il-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma kkalkulati.

4. Kull kontenitur għandu jiġi mmarkat b'riferenza li tidentifika d-data u s-sena ta' produzzjoni u l-proċessur. L-immarrkar, li jista' jkun taħt forma ta' kodiċi, għandu jiġi

approvat mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn isseħħ il-produzzjoni u dawn l-awtoritajiet jistgħu jadottaw provvedimenti oħra fejn jidħol l-immarrkar innifsu.

Artikolu 6

Il-proċessur għandu kuljum f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' l-ipproċessar jivverifika li l-lanġas fil-ġulepp u/jew il-lanġas fis-sugu naturali tal-frott jaqbel mal-ħtiġiet biex jikkwalifika għall-ghajjnuna. Ir-riżultat tal-verifika għandu jinżamm.

Artikolu 7

Ir-Regolament (KEE) Nru 1289/85 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jiġi nfużat fil-ġurnata tal-pubblikażżjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu japplika b'mod effettiv mill-1 ta' Lulju 1989.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Lulju 1989.

Għall-Kummissjoni
Ray MAC SHARRY
Membru tal-Kummissjoni